Laqgħa Numru 26

Il-Ħamis, 14 ta' Jannar 2021.

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku Qala, Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg, fil-4:45 ta' filgħaxija. Din il-laqgħa ġiet imsejjħa b'urġenza mis-Sindku.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Ivan Cefai – Viċi Sindku
Karl Buttigieg – Kunsillier
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak – Kunsillier

Uffiċjal Preżenti:
Miriam Attard – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

**26.1 Qari tal-ittri tal-apoloġija**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**26.2 Ħatra ta' Aġent Segretarju Eżekuttiv.**

Is-Sindku qal li tlaqqa l-Kunsill b'urġenza minħabba li fil-preżent kemm is-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll id-Deputat Segretarju Eżekuttiv mhumiex f'posizzjoni li jaqdu l-funzjonijiet ta' Segretarju Eżekuttiv ta' dan il-Kunsill. Bis-saħħa tal-Artiklu 49 (4) tal-Att dwar il-Gvern Lokali (kif emendat bl-Att LIX tal-2020), is-Sur Natalino Attard, Direttur Ġenerali għal Gvern Lokali, qiegħed jaħtar Aġent Segretarju Eżekuttiv sabiex jaqdi l-funzjonijiet ta' Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Qala. Din il-ħatra hi temporanja. Id-Direttur Ġenerali ħatar lis-Sur Lorne Cremona li joqgħod, "Sagra Familja", Triq il-Wileġ, Qala.

Il-membri qablu unanimament.

Il-laqgħa spiċċat fil-5:15 ta' filgħaxija. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn 18 ta' Jannar 2021 fis-6:00 ta' filgħaxija.

(IFFIRMAT)
Paul Buttigieg
Sindku

(IFFIRMAT)
Miriam Attard
Deputat Segretarju Eżekuttiv